Minuti tal-Laqgħa Nru. 52 tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Lulju 2011 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Joseph Scicluna<br>Is-Sur Victor Caruana<br>Dr. Frank Psaila<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa |
| Skużat | Is-Sur. Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kumitat Amministrattiv
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
6. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Is-Sindku semma li dwar Skola Sajf huwa kien ħalla f' idejn il-Kunsillier Psaila. Is-Sindku informa li min naħa tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni huma kienu avżati tard. Min naħa tal-Iskola Primarja infurmawna ukoll li kien qed issir xogħol ta tibjid u ma setgħux jgħinuna għal klassijiet. Is-Sindku informa ukoll li min stħarriġ li sar, instab li kienet qed issir Skola Sajf li qed tiġi organiżżata min naħa tal-Curtain Raiser u allura dan ma kienx minnu.

2.2 Il-Kunsillier Caruana qal li fl-artiklu li nkiteb bħala tweġiba għal artiklu li kien inkiteb fuq 'Il-Mument' dwar ħlasijiet li kienu qed issiru min wara dahar il-Kunsilliera qal li kellu jitniżżel li ma kienx hemm ċertifikazzjoni. Is-Segretarju wieġeb li l-Kunsill qatt ma għamel xejn minn wara dahar il-Kunsilliera u dejjem eżawrixxa d-deċiżjonijiet tal-Kunsill. Is-Segretarju wieġeb li peress li kellna pressjoni min naħa tal-kuntrattur sabiex issir ammont tal-ħlas, il-perita tal-Kunsill tat direzzjoni biex ikun jista jinħareġ ammont tal-flus dovuti lill-kuntrattur. Fuq din kien hemm email ukoll. Issemma wkoll li l-perita qalet li jekk ma jkunx hemm ċertifikazzjoni tal-materjal hija ma kinitx lesta tiċċertifika x-xogħol. Is-Segretarju semma wkoll li diġa ittieħdu samples tat-tarmac biex jiġi ttestjat.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsilliera Massa ressqet ittra li kienet indirizzata lilha biex tingħażel persuna min Ħal Luqa biex tingħata l-premju tal-Anzjan tas-Sena. Is-Sindku semma biex min għandu persuna li tista' tingħata dan l-unur jipproponiha. Il-Viċi Sindku qal li biex tingħażel persuna għal dan l-unur trid tkun persuna li tat sehem qawwi u fuq bażi Nazzjonali biex ikollha ċans tajjeb li tingħażel peress li din issir fuq bażi Nazzjonali.

3.2 Is-Sindku semma li kien hemma artikli fuq it-'Times of Malta' fejn issemmiet il-playing field li tinsab Ħal Luqa. Huwa aċċerna li dan kien qed jirreferi għal playing field li hemm f' Ħal Farruġ u mhux dik li hemm f' Misraħ iż-Żgħażagħ. Huwa qal ukoll li fuq il-playing field li hemm Ħal Farruġ se jsir proġett u se jkun hemm bandli ġodda u ż-żona se tiġi riabilitatta.

3.3 Is-Sindku semma wkoll li reġgħet intbagħtet ittra bl-avukat min naħa tas-Sur. Michael Borg fejn talab lil Kunsill Lokali, ħlas għal performance bonus kif ukoll bilanċ ta Euro 644 li kien diġa tħallas għalih. Is-Sindku qal li huwa kien kellem fuq il-każ lil Avukat tal-Kunsill, Dr. Paul Lia biex iwieġeb għal ittra. Min stħarriġ li sar min naħa tal-Kunsill irriżulta li s-Sur. Michael Borg tħallas ta' kollox.

3.4 Is-Sindku semma wkoll li l-Kunsill ta' Ħal Luqa kien applika wkoll għal Iskema t' għajnuna lil-libreriji u ġie mwiegħed li se jingħata flus biex jinxtraw għal kotba. Huwa qal li waqt li kienet qed issir il-preżentazzjoni, l-librerija ta' Ħal Luqa issemmiet li kienet it-tielet l-aktar waħda f' Malta li jużawha nies biex jisselfu l-kotba. Is-Segretarju Dr. Chris

Said apprezza ħafna l-inizjattivi min naħa tal-Kunsill sabiex aktar nies jkomplu jagħmlu użu mill-librerija.

3.5 Is-Sindku semma wkoll li min naħa taż-żewġ każini tal-Baned bagħatu ittri ta ringrazzjament lil Kunsill tal-għajnuna li ngħataw biex setgħu jitellgħu l-attivitajiet relatatti mal-festa ta Sant' Andrija.

3.6 Is-Sindku semma wkoll li kienet waslet PQ fejn saqsew x' inhu dovut il-Kunsill bħala ċitazzjonijiet pendenti. Huwa semma wkoll li bħala Kunsill ħa passi biex jinġabru dawk iċ-citazzjonijiet li huma pendenti billi intbagħtu ittri lil dawk li kellhom xi ċitazzjonijiet xi jħallsu.

3.7 Fuq dan kompla jgħid is-Segretarju li kien hemm żewġ management letters li waslu wara l-mid term audit kif ukoll lejn l-aħħar tas-sena. Is-Segretarju semma li kien hemm xi affarijiet li kienu msemmija fil-management letters u li dawn diġa ġew ittackiljati. Fost dawn kien hemm il-petty cash fejn kien issemma li kien qed issir infiq iktar milli suppost fi żmien is-Segretarju preċedenti. Illum din m' għadiex issir. Ħaġa oħra kienet rigward il-fixed asset register li dwar dan kien hemm diskussjonijiet biex dan jiġi rivedut. Huwa semma li diġa qed ikun hemm kambjament min kif kienet l-Amministrazzjoni għal dik li hemm issa.

3.8 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn li jsir sticker fuq il-vann li jkun hemm l-arma tal-Kunsill fuqha. Il-Kunsill qabel biex issir din l-isticker.

3.9 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk il-camera li hemm fi Triq Dun Pawl għadhiex taħdem. Is-Sindku wieġeb li din għadha taħdem b' mod regolari. Is-Sindku semma li għandu jkun hemm parkeġġ fejn il-pubbliku jkun jista jieqaf bil-karozza sabiex jingħata servizz mill-ATM.

3.10 Rigward id-Daycentre is-Sindku semma li kien hemm meeting mal-Perit fejn il-Perit issuġġerrixxa li jinbeda x-xogħol fuq il-bini tas-shaft tal-lift. Is-Sindku semma wkoll li għandha tinkiteb ittra lil Dr. Chris Said peress li kien hemm wiegħda li kellu jingħata l-lift lil Kunsill Lokali peress li kien qed joffri l-faċilitajiet tal-post biex ikun jista jkun hemm id-Daycentre għal anzjani.

## 4.0 KUMITAT AMMINISTRATTIV

4.1 Is-Segretarju semma li fejn hemm il-Housing Estate ta' Ħal Farruġ se jsir proġett li se tinbena rampa li tagħti aċċess għal dawk il-persuna li għandhom diżabbilta. Huwa qal li dan qed issir flimkien mal-Awtorita tad-Djar u hemm tenders għal dan il-proġett li se jinfetħu l-ġimgħa d-dieħla. Huwa semma wkoll li fl-istess żona se jitħawwlu siġar biex ikomplu jsebbħu ż-żona. Dawn is-siġar qed ikunu offerti min naħa tal-PARKS. Aparti dan it-tisbiħ se jsiru wkoll courses edukattivi għar residenti taż-żona.

## 5.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

5.1 Waqt l-approvazzjoni tal-ħlasijiet, il-Kunsillier Caruana saqsa fuq l-invoices ta Vincent Galea peress li dawn kienu jidhru għoljin għax xogħol li kien sar, speċjalment fuq ix-xogħol li sar għal entratura tas-shelter. Is-Sindku wueġeb li dan ix-xogħol kellu jsir darbtejn peress li kien sar att vandalu fuqu. Min naħa l-oħra qal illi se jirreferi il-każ quddiem il-perita tal-Kunsill biex jirrevedi l-kont fuq ix-xogħolijiet li saru.

5.2 Peress li kien hemm iċ-ċertikazzjoni tal-perit, is-Sindku ssuġġerrixxa biex mill-ammont totali dovut lil Vince jingħata Euro 30,000 minhom u l-bilanċ wara li jerġgħu riveduti min naħa tal-perit. Is-Sindku ssuġġerrixxa li mill-bilanċ li kien dovut lil Vince jingħata lil Polidano għal xogħolijiet ta servizzi tal-ilma li saru f' diversi toroq. Huwa qal ukoll li dawn jerġgħu jiġu refunded lura lil Kunsill min naħa tal-Korporazzjoni. Il-Kunsill qabel li għandu jsir hekk.

5.3 Favur il-pagamenti kien hemm is-Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsilliera Massa u Camilleri. Il-Kunsillier Psaila astjena, filwaqt li l-Kunsillier Caruana kien kontra l-iskeda tal-pagamenti.

## 6.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa giet fi tmiemha il-Ġimgħa 22 ta' Lulju 2011, fis-6.45 p.m. Ma kienx hemm ġurnata proposta għal laqgħa ta' Awwissu.

Konfermati llum ______________________ 2011.

| | |
|---|---|
| John Schembri<br>Sindku | Michael Portelli<br>Segretarju Eżekuttiv |